# Is-Sagristija tal-Bażilika

Binja anċillari li neċessarjament wieħed isib ma' kull knisja, hija s-sagristija. Il-ħtieġa ta' sagristija annessa ma' knisja hija bżonn li kważi diffiċli li tgħaddi mingħajru. Dan għaliex is-sagristija sservi għal bosta għanijiet, mhux l-inqas fosthom għall-amministrazzjoni tas-Sagrament tal-Qrar, u wkoll post fejn is-saċerdoti u lajċi li jkunu ser jagħtu sehem dirett f'xi funzjoni liturġika, jinġabru biex jilbsu l-abiti sagri, u/jew iħejju ruħhom għaċ-ċelebrazzjoni li fiha jkunu ser jieħdu sehem. Fiha wkoll jintrefgħu u jiġu ppreservati l-abiti u oġġetti sagri oħra li jintużaw waqt il-kult.

**Binja bi storja imħawra**

Is-sagristija annessa mal-Knisja Bażilika tal-Isla hija fil-fatt it-tielet waħda li nbniet. L-ewwel waħda, li t-tagħrif dwarha hu skars, inbniet mal-bini oriġinali tal-knisja, qrib tmiem is-sena 1580. Meta mbagħad il-knisja tkabbret, b'tali mod li qisha nbniet mill-ġdid, ittellgħet sagristija oħra fuq in-naħa ta' wara tal-Kappellun tar-Ružarju. Wieħed kien jidħol għaliha minn bieb li kien jiġi bejn l-artal tal-Madonna tar-Ružarju u dak ta' Santa Barbara, illum dedikat lill-Madonna tal-Katina.

Dan kien madwar is-sena 1657. Meta mbagħad inbniet is-sagristija preżenti, dik l-antika ngħatat lill-Fratellanza tas-Sagrament, u ġiet mibdula f'Oratorju fejn l-imseħbin f'dik il-Fratellanza kienu jinġabru biex jagħmlu l-laqgħat u jaqdu d-doveri, skont l-istatut ta' dik il-Fratellanza.

It-tielet sagristija, dik preżenti, inbniet madwar is-sena 1717, possibbilment xogħol il-kapumastru Senglean Francesco Zerafa, li f'dak iż-żmien kien impenjat ukoll bit-tkabbir tal-Kor tal-knisja. Din is-sagristija hija fil-fatt sala ta' qies kbir u pproporzjonata tajjeb, u imdawwla minn erba' twieqi kbar. Mibnija fuq in-naħa tax-xellug tal-knisja, din tidħol għaliha minn bieb fil-Kappellun tad-Duluri, u fiha t-tul tal-ewwel tliet navati tal-korsija tal-knisja. Malli tidħol fiha, jolqtuk immedjatament iż-żewġ prospettivi ewlenin, b'niċeċ imdawrin minn pilastri u bibien bi prospettiva skolpita, u skultura ta' puttini.

L-ewwel deskrizzjonijiet ta' din is-sagristija jsemmu, illi fil-prospettiva prinċipali faċċata tad-daħla, fejn illum hemm l-istatwa ta' San Ġużepp, kien hemm pittura ta' dan il-qaddis. Dan għall-fatt illi San Ġużepp kien il-qaddis protettur tas-Sodalità tal-Kleru li kellha f'idejha l-amministrazzjoni ta' din is-sagristija. Fuq kull naħa ta' din il-prospettiva kien hemm żewġ bibien li jwasslu għal żewġ kmamar żgħar, waħda fejn fiha is-saċerdoti kienu jippreparaw ruħhom għall-quddiesa u jagħmlu r-ringrazzjament wara, u l-oħra biex fiha jintrefgħu xi paramenti u oġġetti oħra. Fil-prospettiva l-oħra, fejn illum hemm l-istatwa tal-Kunċizzjoni, fil-bidu tpoġġiet statwa tal-ġebel tal-Madonna bil-Bambin Ġesù fuq drieghha. Iż-żewġ bibien ta' din il-faċċata, kienu jagħtu wieħed għall-knisja u l-ieħor għall-kamra li kienet isservi bħala arkivju għad-dokumenti tal-Parroċċa.



Prospettiva minquxa fil-ġebel fejn illum hemm l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni

Ftit wara li nbniet din is-sagristija, mal-ħitan tal-ġnub saru 72 kaxxarizzi għall-użu tas-saċerdoti, biex fihom iżommu l-abiti sagri u l-paramenti personali tagħhom li kienu jużaw waqt il-quddiesa u ċelebrazzjonijiet oħra. 'L fuq mill-kaxxarizzi kien hemm ħames prospettivi żgħar tal-injam, b'armarji warajhom fil-ħitan, kif ukoll prospettiva oħra tal-injam madwar bieb, li minn kuridur jagħti għal barra t-triq. Taħt il-kwadru ta' San Ġużepp kien hemm speċi ta' artal tal-injam li fil-parti ta' fuq tiegħu, fin-nofs kellu armarju kbir fejn tintrefa' l-isfera tal-espożizzjonijiet, u mal-ġenb, żewġ armarji fejn jintrefgħu kalċijiet u pisdijiet matul is-sena. Il-parti t'isfel ta' dan l-artal, kienet tikkonsisti fi kxaxen biex fihom jinżammu il-pjaneti bi lwien differenti għall-użu waqt il-quddies.

F'din is-sagristija kienu jinżammu wkoll ħafna mill-armar tal-knisja, speċjalment it-teżori tal-

fidda u rikkezzi oħra, li kienu jkunu maqfulin f'imkejjen imsakkrin u mħarsin sew. F'nofs is-sagristija, mbagħad, kien hemm bankun kbir tal-ġewż biex fih tintrefa' t-tapizzerija tal-festa u l-apparat irrakkmat li kien jintuża wkoll fil-festa. Imdendla maċ-ċentru tas-saqaf kien hemm linfa kbira u artistika tal-bronż b'sitt brazzi.

Maż-żmien, speċjalment wara li l-knisja ingħatat il-ġieħ ta' Kolleġġjata Insinji fl-1786, fis-sagristija tpoġġew xi pitturi oħra. Pittura tal-Papa Piju VI, li ħareġ il-Bolla tal-Kolleġġjata, tqiegħdet 'l fuq mill-kwadru ta' San Ġużepp mal-prospettiva prinċipali. Magħha kien hemm skrizzjoni deskrittiva. Tqiegħdu wkoll pitturi tal-protagonisti ewlenin fil-kisba ta' dan it-titlu: il-Gran Mastru Emmanuel de Rohan, il-Balliju Gioacchino Britto, l-Isqof Vincenzo Labini u l-Arċipriet Kan. Salvatore Bonniċi. Aktar 'l quddiem żdiedu xi oħrajn, fosthom wieħed tal-Isqof Senglean Mons. Ferdinandu Mattei, kif ukoll inkwatri li għal xi raġuni jew oħra tneħħew minn ġol-knisja.

B'rabta mal-ewwel snin tal-Kolleġġjata, ta' min jgħid li l-Kapitlu tal-Kanonċi ġieli għamel il-laqgħat f'din is-sagristija, sa ma nbniet l-Awla Kapitulari.


Parti mid-dekorazzjoni tas-saqaf tas-sagristija

Fis-sena 1804, l-iskultur Mariano Gerada, naqax fl-injam l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni, u din, matul is-sena, sabet ruħha fis-sagristija minflok l-istatwa tal-Madonna li kien hemm. Aktar tard, fl-1879, l-istatwarju Senglean Ġlormu Darmanin sawwar l-istatwa proċessjonali ta' San Ġużepp, u din ukoll, bis-saħħa ta' ftehim li kien sar snin qabel, fl-1838, bejn il-Fratellanza ta' San Ġużepp, l-Arċipriet ta' dak iż-żmien il-Kan. Leopoldu Fiteni u s-Sodalità tal-Kleru, sabet postha fis-sagristija minflok il-pittura tal-qaddis f'nofs il-prospettiva prinċipali.

Mal-medda taż-żmien, saru tibdiliet u żdied l-użu tas-sagristija bħala post fejn jintrefgħu bosta affarijiet. Fil-fatt, mas-saqaf tas-sagristija bdew jintrefgħu, imdendlin u mgħottijin, it-tmien linef tal-kristall li matul il-jiem tal-festa jżejjnu l-korsija. Fis-snin bikrin tas-seklu li għadda, wara li saru l-bradella u l-bankun għall-istatwa ta' Marija Bambina, inħadmu erba' vetrini u tqiegħdu fuq il-kaxxarizzi, biex fihom jitqiegħdu l-erba' faċċatiet tal-bankun. Aktar tard sar ukoll bankun magħluq bħala ġonta mal-bankun tan-nofs, biex beda jinżamm il-pedestall tal-fidda tal-Bambina.

B'dan il-mod is-sagristija saret il-post ewlieni kemm ta' tħejjija għall-funzjonijiet, kif ukoll post fejn kienu miġbura ħafna teżori tal-knisja. Għalhekk, kienet grazzja kbira u xorti tajba li fi żmien il-gwerra, is-sagristija ma ġġarfitx. Naturalment, dak li seta' jinġarr, twarrab lejn postijiet ta' anqas periklu. Iżda l-linef baqgħu mdendlin fejn kienu, kif baqa' wkoll fil-post dak kollu li ma setax jinqala u jinġarr. Wara tmiem il-gwerra, il-linef ġew restawrati u l-ħsarat l-oħra issewwew.

B'referenza għal żmien il-gwerra, ngħidu li wara li ġġarrfet parti kbira mill-Bażilika u ma setgħatx tintuża aktar, is-sagristija serviet biex fiha jsir il-quddies u jiġu amministrati xi sagramenti. Dan wassal għal inċident kurjuż li ġara nhar it-28 ta' Diċembru 1941. Dakinhar kellu jiġi amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lil 118 tifel u tifla. Appena kienet ser tibda ċ-ċerimonja, daqq air raid, u kulħadd: Isqof, saċerdoti, tfal, parrini u ġenituri, erħewlha bil-ġirja għal ġewwa x-xelter li kien hemm quddiem il-knisja. Meta l-ħbit mill-ajru għadda, iċ-ċerimonja tkompliet.

Għall-ftuħ mill-ġdid tal-knisja fl-1957, is-sagristija ġiet irrangata biex taqdi l-bżonnijiet l-aktar urġenti. Ġew restawrati l-kaxxarizzi u l-bankun li kien ġralhom xi ħsarat. Is-sagristija inżebgħet mill-ġdid u s-saqaf ġie dekorat mis-Senglean Carmelo Spiteri. Fiha sabu posthom ukoll xi pitturi li twarrbu mill-knisja, fosthom

dawk ta' San Dimitri u tal-Pentecoste li l-artali tagħhom tneħħew waqt ir-rikostruzzjoni tal-knisja. Altrimenti, għall-ewwel snin, kollox baqa' kif kien.



Waħda minn sitt prospettivi tal-injam fis-sagristija

Imbagħad, fi żmien il-parrokat tal-Arċipriet Kan. Ġwann Sladden, saru xi alterazzjonijiet. Tneħħew għal kollox il-faċċatiet tal-bradella tal-Bambina, kif ukoll in-niċeċ li kienu jagħlqu fihom l-istatwi ta' San Ġużepp u tal-Kunċizzjoni. Il-bankun forma ta' artal, taħt l-istatwa ta' San Ġużepp, li kien fi stat ħażin ħafna, imbidel ma wieħed ġdid li sar akbar biex fih jiġi stivat id-damask li jintrama fil-knisja fil-festi sekondarji. L-aħħar tibdil sar fi żmien l-Arċipriet Kan. Vinċenz Cachia, billi żdiedu xi pitturi oħra li qabel il-gwerra kienu fl-Oratorju tas-Sagrament u fl-Oratorju tal-Kandlora, wara li kienu restawrati. Mal-prospettiva taħt l-istatwa tal-Kunċizzjoni sar bankun/vetrina biex fih jinżamm u jitgawda matul is-sena, l-pedestall tal-Bambina. Sar ukoll bankun żgħir ieħor ħalli jkun hemm aktar spazju għall-irfiegħ tal-apparati liturġiċi, u fl-istess ħin jippariġġa dak li kien hemm mal-bankun tan-nofs.

**Dehra tas-sagristija llum**

Illum il-ġurnata s-sagristija fiha dehra attraenti ħafna, kemm bħala daqs u proporzjonijiet, kif ukoll għall-mod ta' kif hi mdawwla, dekorata u miżmuma. Is-saqaf għoli, merfugħ fuq gwarniċa li ddur dawra mejt mas-sagristija, hu maqsum fi tliet partijiet permezz ta' arkuni merfugħin fuq mensoli skolpiti, u li kif ġa rajna, kien dekorat qabel il-ftuħ mill-ġdid tal-knisja fl-1957. Fih impittra b'kuluri monokromatiċi, hemm taqsimiet differenti dekorati b'rużuni, weraq tal-palm u skrolli, kif ukoll żewġ tpinġijiet kbar fin-nofs, waħda tal-arma tal-Kolleġġjata – sejf imdawwar bil-weraq tal-palm, u l-arma tal-Belt Senglea – is-salib bl-arzell, ukoll imdawwar bil-palm. Hemm ukoll impinġijin sitt simboli Marjani: il-ġilju, ward aħmar, kewkba, ħamiema tal-paċi, fergħa tal-palm u fergħa tar-rand.

Fil-parti t'isfel għad hemm il-kaxxarizzi, il-bankun u l-għamara tal-imgħoddi. Il-ħitan, imbagħad, huma fil-fatt pinakoteka ta' pitturi ta' valur. Fi gwarniċi kbar indurati, hemm erba' pitturi ta' daqs kbir: il-martirju ta' San Dimitri ta' Ġużeppi Calì, l-Inżul tal-Ispirtu s-Santu ta' Vincenzo Manno, kwadru antik tal-Madonna flimkien ma' San Pawl, Santu Rokku u San Bastjan li fl-imgħoddi kien titular ta' artal fejn illum hemm tal-Madonna tal-Karmnu, u ieħor ta' Kristu Salvatur, kopja tal-oriġinal ta' Guido Reni. Ta' daqs kbir ukoll huwa inkwatru ta' Santa Barbara, li xi darba wkoll kien titular ta' artal qabel tal-Madonna tal-Katina, li jinsab jimla l-volta tas-saqaf 'l fuq mill-prospettiva fejn hemm l-istatwa tal-Kunċizzjoni.



Kwadru pittura ta' Santa Barbara

Fis-sagristija hemm ukoll erba' pitturi ta' Rokku Buhagiar li juru episodji mill-ħajja tal-Madonna: it-Twelid, il-Preżentazzjoni fit-Tempju, iż-Żjara lil Eliżabetta u t-Tlugħ fis-Sema. Dawn kienu fl-Oratorju tal-Gandlora, minfejn inġiebu wkoll il-pitturi tal-Immakulata Kunċizzjoni u oħra ta' San Mikiel. Fuq il-bibien mal-prospettiva tal-Kunċizzjoni hemm żewġ pitturi mill-Oratorju tas-Sagrament: il-laqgħa ta' Melkisedek ma' Abram u l-miraklu tal-manna fid-deżert. Pariġġhom fuq il-bibien l-oħra, hemm żewġ pitturi oħra sbieħ, wieħed tat-Trinità Qaddisa u l-ieħor tal-Pietà. Il-ħames prospettivi tal-injam li fl-imgħoddi kienu jaħbu armarji fil-ħajt, inbidlu f'vetrini żgħar, fejn hemm esebiti xi oġġetti rari u antiki. Kollox ma' kollox, matul is-sena, din is-sagrestija fiha dehra ta' mużew żgħir.

### Is-sagristija fi żmien il-festa

Din ix-xeħta ta' mużew, tikber qatiegħ fil-jiem tal-festa titulari tal-Bambina, meta fiha jiġu esposti bosta oġġetti u apparati antiki, kif ukoll fided prezzjużi. Imdendlin taħt il-gwarniċa u fl-ispazju bejn il-kwadri, ikun hemm 12-il pjaneta antika, u erba' settijiet ta' paramenti tal-quddies solenni – pjaneta u par tuniċelli – ta' valur kbir. Fil-vetrina f'post il-pedestall tal-Bambina, jiġu esebiti numru ta' kalċijiet, kważi kollha mħollijin lill-knisja minn diversi saċerdoti Sengleani, kif ukoll kalċi li kien qaddes bih il-Papa Piju XII fis-Sena Marjana (1954). Jiġu esebiti wkoll iż-żewġ kuruni li fl-imgħoddi kienu jżejnu r-ras tal-Bambina u xi oġġetti oħra. F'waħda mill-ħames vetrini ta' fuq il-kaxxarizzi, ikun hemm aktar kalċijiet, kif ukoll karlotta tal-Papa Piju XII (1954), u tnejn tal-Kardinali Giacomo Lercaro (1971) u Luigi Traglia (1960). Fl-erba' vetrini l-oħra, hemm esposti bosta oġġetti tal-fidda: medaljuni tal-Fratellanzi, buqari, ostensorji b'teki tal-qaddisin, u oġġetti oħra tal-kult.


Waħda mill-vetrini armati fil-jiem tal-festa


Kalċi mogħti lill-Kolleġġjata Sengleana mill-Qaddej t'Alla Mons. Isqof Emmanuel Galea

Esposti wkoll ikun hemm erba' settijiet ta' Karti tal-Glorja tal-fidda, leġġiji ndurati jew interzjati u, fuq erba' spallieri, partijiet mis-sett ta' apparat tal-lama bajda rrakkmat bid-deheb li kien jintuża fil-jiem tal-festa titulari, u partijiet mis-sett antik ta' apparat ta' lama tad-deheb. Tiġi esebita wkoll il-faxxa tal-Papa Beneditту XV li kienet ġiet irregalata lill-Bażilika fl-1957. F'nofs il-bankun prinċipali, jispikka l-kalċi sabiħ imħolli lill-Bażilika mill-Qaddej ta' Alla l-Isqof Emmanuel Galea, iben din il-Belt, li qabel ma' nħatar Isqof Awżiljarju, għamel snin twal Kanonku tal-Kolleġġjata Sengleana.




*Lapida fis-sagristija li tfakkar meta l-poplu Senglean akkwista l-ħelsien mill-ħlas tal-piż taċ-ċens fuq l-art*

Meta is-sagristija tilbes il-libsa tal-festa, żgur li ma tagħmilx għajb lill-knisja f'dak li huma rikkezzi u attrazzjonijiet ta' pittura u antikitajiet.

**Is-sagristija ż-żgħira**

Annessa mas-sagristija, hemm sala oħra li nsibuha bħala s-sagristija ż-żgħira. Din mhi xejn ħlief żvilupp taż-żewġ kmamar li rajna li fil-bidu kien hemm jinfdu mas-sagristija, fuq in-naħa li tiġi mal-ħajt ta' barra. Waħda mill-kmamar dejjem serviet biex fiha kien isir it-talb privat mis-saċerdoti qabel u wara li jqaddsu. Kienet isservi wkoll bħala post fejn iqerru l-irġiel. Fiha kien hemm niċċa, b'bieb imdaqqas għal barra, fejn matul is-sena kienet tinżamm l-istatwa tat-Trinità Qaddisa. Il-kamra l-oħra kienet maħżen żgħir għal xi armar tal-knisja. Fi żmien ir-rikostruzzjoni tal-knisja, minħabba l-qies u l-mod differenti ta' kif imbnew il-kampnari, dawn iż-żewġ kmamar saru kamra waħda kbira.

Illum il-ġurnata, wara li l-istatwa tat-Trinità inħarġet fil-knisja, f'dik il-parti fejn kienet in-niċċa, sar post relattivament privat għall-qrar. F'din is-sagristija hemm tliet niċeċ għall-istatwi tal-Madonna: tal-Karmnu, tal-Katina u tar-Rużarju. Mal-ħitan hemm xi pitturi, l-aktar importanti hija dik antika ta' San Franġisk minn Paola, li fl-imgħoddi kienet tal-artal ta' dak il-qaddis. F'din is-sagristija nsibu wkoll fonti tal-irħam bi skultura fina, u lapida tal-irħam li fuqha hemm minquxin l-ismijiet u s-snin tal-parrokat ta' kull Kappillan u Arċipriet li mexxa l-Parroċċa Sengleana sa mit-twaqqif tagħha fl-1581. Ta' sinjifikat kbir, hija lapida żgħira, li fl-imgħoddi kienet fil-Bażilika, li tfakkar il-fatt meta fid-9 ta' Frar 1610, il-poplu tal-Belt Senglea kiseb, mill-Ordni ta' San Ġwann, il-ħelsien mill-piż tal-ħlas taċ-ċens fuq l-art li kien jokkupa. Dan bħala sinjal ta' gratitudni mill-Ordni lill-poplu Senglean għas-sehem tiegħu fi żmien l-Assedju l-Kbir tal-1565.

**Għeluq**

Minn din il-kitba wieħed malajr jifhem il-bżonn u l-użu ta' sagristija b'rabta mal-bini ta' knisja. Din is-sagristija annessa mal-Knisja Bażilika tal-Isla, ċertament waħda mill-akbar u mill-isbaħ sagristija f'dawn il-gżejjer, qdiet sew il-funzjoni li għaliha nbniet. Bla dubju ta' xejn, hija wkoll attrazzjoni unika għal kull min jinteressa ruħu fl-istorja u l-arti sagra.

*Mario Caruana*